MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 2141/1998/1

**Maltacom p. l. c.**

**Vs**

**Francis Bezzina Wettinger ghan-nom u in rapprezentanza ta' Prestige Printers Ltd**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fil-21 ta' Ottubru 1998 li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi skond il-ftehim relattiv kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Maltacom plc, il-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, hames mija u sebgha u hamsin lira Maltija u tmienja u disghin centezmu (Lm1557.98) in

konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattiv ghal-linja bin-numru tlieta tlieta erbgha erbgha hamsa tmienja (334458), skond il-prospett anness ma' l-att tac-citazzjoni u mmarkat bhala Dokument A;

Premess illi interpellat biex ihallas il-konvenut baqa' inadempjenti;

Premess illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u ezigibbli;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta` attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, hames mija u sebgha u hamsin lira Maltija u tmienja u disghin centezmu (Lm1557.98);

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Dicembru 1997 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat id-digriet tal-11 ta' Dicembru 1998 li permezz tieghu s-socjeta` konvenuta giet awtorizzata tipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin gurnata;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta pprezentata fis-17 ta' Dicembru 1998, li permezz taghha hija eccepiet:-

1. Preliminarjament l-socjeta` attrici trid tipprova li hija akkwistat il-jeddijiet u drittijiet ghall-istess hlas reklamat mill-korporazzjoni Telemalta;

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, teccepixxi preliminarjament il-preskrizzjoni kwinkwennali;

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju, it-talba ta’ l-atturi hija wahda eccessiva;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat l-affidavits ipprezentati;

Rat id-digriet tat-22 ta’ Gunju 2001 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma’ l-provi u l-kontro-ezamijiet li kien fadal;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici pprezentata fid-9 ta’ Dicembru 2002;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Il-kawza prezenti hi wahda ta’ reklamar ta’ hlas ghall-uzu da parte tas-socjeta` konvenuta Prestige Printers Limited tal-linja tat-telefon numru 334458. Din is-socjeta` ma tikkontendix li hi ma ghamletx uzu minn din il-linja izda tissottometti b’ difiza l-preskrizzjoni kwinkwennali u, subordinatament, li l-ammont mitlub hu eccessiv;

Huwa veru li s-socjeta` konvenuta eccepiet ukoll in linea preliminari li s-socjeta` attrici kellha tipprova s-successjoni taghha fid-drittijiet gja vestiti fil-korporazzjoni Telemalta, izda, bir-rispett kollu, din il-Qorti ma tqisx tali eccezzjoni bhala wahda serja, kemm ghaliex hi regola li l-fatt pacifiku u pubblikament maghruf ma hemmx il-htiega li jigi provat, kemm ghaliex dwar l-ezistenza ta’ tali successjoni l-prova

dwarha temani mil-ligi u r-regolamenti, u dwar dan ma jistax ikun hemm kontestazzjoni u dippju hu facilment verifikabbli mill-istess gudikant. F' kull kaz, u anke jekk ma kienx hekk mehtieg, is-socjeta` attrici forniet anke din il-prova li xtaqet is-socjeta` konvenuta. Ara nota taghha a fol. 20 tal-process, konfermata ukoll bl-affidavit ta' Saviour Farrugia, *Senior Principal, Legal office* tas-socjeta` attrici (fol. 21);

Issa ghal dawk li huma l-fatti ewlenin ta' dan il-kaz dawn jistghu jigu rijassunti kif gej:-

(1) Is-servizz tat-telefon *de quo* kien originarjament jinsab fil-fond numru 121/8 Tower Road, Sliema. Fl-1972 din il-linja giet rilokata fil-fond 3/6 B'Kara Road, St. Julians. Dan sar wara talba ghaldaqshekk mid-direttur tas-socjeta` Paper Products Company Limited li l-ishma taghha gew akkwistati minn Francis Bezzina Wettinger. Talba din konfermata u sostenuta bl-ittra ta' dan tat-13 ta' Dicembru 1972 (kopja esebita a fol. 5) u li fiha talab ukoll li huwa xtaq li t-*transfer* isir lis-socjeta` konvenuta Prestige Printers Ltd;

(2) Il-kont li tieghu s-socjeta` attrici qed tiddomanda l-hlas ikopri l-perijodu mill-1992 sa l-1997. Ara xhieda ta' David Buttigieg, kap fl-ufficcju legali tal-Maltacom (fol. 48) u l-kopja tal-kont (fol. 4);

(3) Jinghad minn dan l-istess xhud kif ukoll mix-xhud l-iehor imsemmi Saviour Farrugia (fol. 21) illi fis-16 ta' Jannar 1994 sar pagament akkont ta' hames mitt lira (Lm500). Il-kopja relattiva ta' dan il-hlas tinsab esebita a fol. 33;

(4) Jirrizulta wkoll illi s-servizz ta' dan it-telefon gie sospiz f' Marzu 1997;

Premessi dawn il-fatti, kif gja fuq ntqal, is-socjeta` konvenuta ssostni bhala wahda mid-difizi taghha l-eccessivita` ta' l-ammont mitlub. Certament tali prova

kienet tinkombi fuqha li taghmilha izda mill-atti processwali din l-eccessivita` ma tirrizultax. Is-socjeta` konvenuta mhux biss ma ipproduciet ebda prova fir-rigward izda ma pproduciet provi xejn. Dippju din l-allegata eccessivita` lanqas ma tirrizulta minn xi prova estratta mill-kontro-ezami tax-xhieda tas-socjeta` attrici. Li jfisser li l-Qorti jkollha tiddeciedi l-materja *iuxta allegata et probata* u gjaladarba ma ngiebet l-ebda prova kuntrarja jkollha toqghod fuq ir-rizultanzi istruttorji. L-eccezzjoni hekk sollevata f' dan il-kuntest qeghda konsegwentement tigi skartata bhala mhix provata;

Indubbjament fuq l-istregwa ta' l-istess rizultanzi processwali, is-socjeta` konvenuta kienet u baqghet is-*subscriber* tal-linja tat-telefon meritu tat-talba u ghalhekk responsabbli versu s-socjeta` attrici sal-mument meta s-servizz gie sospiz. B' danakollu hi tirrezisti l-hlas mitlub fuq il-bazi ta' l-eccezzjoni illi l-azzjoni tinsab preskritta bid-dekors ta' hames snin. Huwa ormai assodat illi, trattandosi ta' provvista ta' servizz li jissokta u ta' kontrattazzjoni dwar l-uzu ta' dan l-istess servizz, it-terminu preskrittiv huwa dak kwinkwennali. Ara, *inter alia*, decizjoni fl-ismijiet "**John Scicluna *nomine* -vs- Robert Spiteri**", Qorti Civili, Prim' Awla, per Imhallef. Joseph Said Pullicino, 5 ta' Novembru 1992;

Dan huwa hekk rikonoxxut ukoll mis-socjeta` konvenuta anke jekk skond il-verbal tal-11 ta' Dicembru 1998 (fol. 15) hi tillimita l-estinzjoni ta' l-azzjoni fir-rigward tas-somma ta' tmien mija u sebgha u tmenin lira Maltija (Lm857) biss;

Dan precizat, l-ewwel osservazzjoni li trid taghmel il-Qorti hi din. Ghalkemm is-socjeta` konvenuta, kif gja ntqal, issemmi l-preskrizzjoni kwinkwennali, imbaghad tonqos milli tispecifika l-artikolu tal-Kodici Civili li jghodd. Kif dezunt mill-Artikolu 2111 ta' dan il-Kodici, il-Qorti ma tistax *ex officio* taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata u ma ghandhiex tfittex biex tara kienx applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx giet indikata b' mod car u esplicitu minn min

jinvokaha. Ara, fost ohrajn, "**Joseph Grech -vs- Emanuele Camilleri *et***", Appell, 21 ta' Marzu 1977 u "**Francis Bugeja *nomine* -vs- Indria Mercieca**", Appell, 29 ta' Mejju 2000;

Anke kieku pero` kellha din il-Qorti tghaddi gudizzju dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif formulata, l-istess ma kienetx tasal biex takkoljiha. Dan in bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Is-socjeta` attrici kienet obbligata li ggib il-prova ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni (**Kollez. Vol. XXXVI P I p 133**);

(2) Kif saput, "l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni tista' ssir jew bin-notifika ta' att gudizzjarju, jew bir-rikonoxximent tad-debitu jew anke b' xi hlas akkont" (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 544**). Jinghad a propozitu fl-Artikolu 2134, Kodici Civili illi "l-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi hlas akkont tad-dejn maghmul mid-debitur innifsu jew minn wiehed li jkun jidher ghalih";

(3) Is-socjeta` attrici ghamlet il-prova tal-hlas akkont li skond id-dokument esebit a fol. 34 jirrizulta li sar fis-16 ta' Frar 1994. Din il-prova certa u sufficcjenti ma giet bl-ebda mod skossata u ghalhekk il-hlas li sar iservi bhala kawza interruttiva tal-preskrizzjoni. L-azzjoni giet prezentata fil-21 ta' Ottubru 1998, u ghalhekk f' terminu inferjuri ghall-perijodu preskrittiv kwinkwennali migjub b' difiza mis-socjeta` konvenuta;

Skartata wkoll din l-eccezzjoni, din il-Qorti ma baqala l-ebda ostakolu legali iehor hlief li tghaddi ghall-akkoljiment tat-talba attrici.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, prevja c-cahda ta' l-eccezzjonijiet kollha sottomessi, takkolji d-domanda attrici u b' hekk tikkundanna lill-konvenut *nomine*, ihallas lis-socjeta` attrici ghall-uzu tal-linja tat-telefon *de quo* s-somma ta' elf, hames mija u sebgha u hamsin lira Maltija, tmienja u disghin centezmu (Lm1557.98,0), bl-interessi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (17 ta' Novembru 1998);

L-ispejjez tal-kawza jitbatew mill-istess konvenut *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------